Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 59/2011

Kawza fil-lista: 20

**W [W1] Q**
**bhala kuratrici ad litem ta' binha W**
**vs**
**H Q, u Y B li b' digriet tas-7 ta' April 2011 gie nominat sabiex jirrapprezenta lill-assenti K M V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li wara s-separazzjoni de facto minn ma' zewgha l-konvenut H Q fis-sena 2009, hija qatt ma regghet ikkoabitat ma' zewgha, izda dahlet f' relazzjoni extra-matrimonjali esklussiva mal-assenti K M V, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel W fl-10 ta' Ottubru 2010; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara: [1] li t-tifel W mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut H Q, izda huwa l-wild

naturali tal-konvenut assenti K M V; u tordna lid-direttur tar-registru pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri W (att numru 3264/2010) billi fil-kolonna intestata ‘isem u kunjom missier it-tifel’, jigi kancellat l-isem H Q u jigi sostitwit bl-isem K M V; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta’ l-identita’, ghall-eta’, ghall-post tat-twelid u ta’ residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b’ dawk il-partiklaritajiet u cioe’ taht il-kolonna ‘id-dokument ta’ l-identita’’ jigi jaqra 3935331; taht il-kolonna ‘eta’’ jigi jaqra 24, taht il-kolonna ‘twelid’ jigi jaqra Port Said, Egittu, taht il-kolonna ‘residenza’ jigi jaqra Port Said, Egittu, u taht il-kolonna ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ jigi jaqra K M V (haj).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jinqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut H Q ma prezentax risposta guramentata;
Rat li l-kuratur deputat Y B [Id.24911A] prezenta nota li biha ammetta t-talbiet attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel W li hi weldet fl-10 ta’ Ottubru 2010 mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut H Q, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut K M V; u sabiex isiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri.

Illi mill-provi mismugha jirrizulta mhux kontradett li tlett xhur wara li l-attrici sseparat de facto minn ma’ zewgha l-konvenut fis-sena 2009, dina dahlet f’ relazzjoni extra-matrimonjali esklussiva mal-konvenut K M V, u di fatti kienet tmur l-Egittu sabiex tkun hdejh u jkollha

relazzjonijiet intimi mieghu. Hija tikkonferma li t-tifel W huwa l-wild ta' din il-persuna, u mhux tal-konvenut.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

Spejjez a kariku ta' l-attrici u tal-konvenut K M V, konguntivament u fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------